



6.9.2010

0061/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-istrateġija tal-UE għall-persuni bla dar

**Britta Thomsen, Elizabeth Lynne, Ilda Figueiredo, Karima Delli, Jacek
Protasiewicz**

Data ta' skadenza: 6.12.2010

0061/2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istrateġija tal-UE għall-persuni bla dar

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2008 dwar it-tmiem tal-problema ta' persuni bla dar li jgħixu fit-toroq
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- B. billi n-nuqqas ta' akkomodazzjoni qed ikompli jolqot il-persuni fl-Istati Membri kollha tal-UE u huwa vjolazzjoni mhux aċċettabbli tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;
- B. billi l-2010 ġiet iddikjarata s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
1. Jistieden għal darb'oħra lill-Kunsill biex jimpenja ruħu sa tmiem l-2010 li jtemm il-problema ta' persuni bla dar li jgħixu fit-toroq sal-2015;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa strateġija tal-UE ambizzjuża dwar il-persuni bla dar u tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali effikaċi li jsegwu l-linji gwida tar-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali adottat f'Marzu 2010 u bħala parti mill-UE 2020.
 3. Jistieden lill-EUROSTAT biex jiġbor data dwar il-persuni bla dar fl-UE;
 2. Jappoġġa l-prijoritajiet ta' azzjoni li ġejjin: Ħadd ma jorqod f'kundizzjonijiet ħżiena; Ħadd ma jgħix f'akkomodazzjoni ta' emerġenza aktar mill-perjodu ta' "emerġenza"; Ħadd ma jgħix f'akkomodazzjoni tranżitorja aktar milli meħtieġ sakemm tinstab akkomodazzjoni definitiva; Ħadd ma jħalli istituzzjoni mingħajr ma jkollu għażliet fejn joqgħod; Ebda żaġżuġh ma jispiċċa mingħajr dar minħabba t-tranżizzjoni tiegħu lejn ħajja indipendenti;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.